Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/3237

13.6.2025

**Sejħa għal espressjonijiet ta' interess**

**Awdituri — Programm tal-Professjonisti Żgħażagħ**

**Persunal temporanju (grad AD 6)**

(C/2025/3237)

MIN AĦNA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija l-awditur estern tal-Unjoni Ewropea (UE). Il-QEA ġiet stabbilita fl-1975, u hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet tal-UE. Aħna bbażati fil-Lussemburgu u nimpjegaw madwar 1 000 membru tal-persunal, min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE, fil-qasam tal-awditjar, ta' appoġġ u f'dak amministrattiv.

Il-QEA topera bħala korp kolleġġjali ta' 27 Membru, wieħed minn kull Stat Membru tal-UE. L-awdituri tagħna jivverifikaw li l-kontijiet tal-UE jinżammu tajjeb u li din tapplika r-regoli finanzjarji tagħha b'mod korrett, kif ukoll li l-politiki u l-programmi tagħha jilħqu l-objettivi intenzjonati tagħhom u jipprovdu valur għall-flus.

Permezz ta' xogħolna, aħna nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u nippromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza. Hija twissi dwar il-possibbiltà ta' riskji, tipprovdi aċċertament, tindika fejn ikun hemm nuqqasijiet u suċċessi, u toffri gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE. Il-Qorti tippreżenta l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-UE, lill-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali.

Aħna organizzazzjoni moderna u dinamika li tistinka għall-eċċellenza, il-professjonaliżmu, it-trasparenza u l-integrità, u tippromwovihom. Niddefinixxu lilna nfusna bħala istituzzjoni diversa, flessibbli u ekwa, li toffri lill-individwi kollha l-opportunità li jimmassimizzaw it-talent tagħhom. Permezz tal-involviment individwali u kollettiv tagħna fl-attivitajiet tal-QEA u l-programm ta' taħriġ ambizzjuż tagħna, l-għan tagħna huwa li l-QEA ssir post tax-xogħol intellettwalment stimulanti, u organizzazzjoni bbażata fuq it-tagħlim li tiddependi fuq għarfien istituzzjonali u fuq persuni motivati u mħarrġa sew biex jaqdu lill-UE u liċ-ċittadini tagħha.

Aħna istituzzjoni tal-UE fuq skala umana: dan jiffaċilita l-integrazzjoni, jippermetti interazzjoni aktar faċli, u jinkoraġġixxi l-ħidma f'tim. Noffru ħinijiet tax-xogħol flessibbli u opportunitajiet ta' telexogħol, inkluż minn barra l-post ta' residenza ([1]). Nagħtu valur lid-diversità u l-inklużjoni, nippromwovu l-opportunitajiet indaqs, u niżguraw ambjent tax-xogħol rispettuż ibbażat fuq komunikazzjoni miftuħa, djalogu, u fiduċja reċiproka. L-involviment tal-persunal, il-benesseri u l-ekoloġizzazzjoni huma pilastri importanti tal-politiki interni tagħna.

Il-QEA hija organizzata f'10 direttorati (tal-awditjar u amministrattivi) li jiffunzjonaw b'timijiet flessibbli bbażati fuq kompiti. Id-direttorati tal-awditjar jittrattaw oqsma differenti ta' politika li għalihom il-membri tal-persunal jiġu assenjati skont il-prijoritajiet li jirriżultaw mill-programm ta' ħidma. Il-ġestjoni tal-għarfien u l-iżvilupp ta' kompetenzi xierqa huma essenzjali għax-xogħol tal-awditjar tagħna, li jinvolvi wkoll ivvjaġġar lejn pajjiżi tal-UE u pajjiżi oħra madwar id-dinja.

X'QED NOFFRU

Il-QEA qed tniedi l-Programm tal-Professjonisti Żgħażagħ tagħha bil-ħsieb li tiġbed gradwati reċenti b'talent li jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex il-kompożizzjoni tal-persunal tagħna ssir aktar ibbilanċjata. Għandna l-għan li nistabbilixxu lista ta' riżerva ta' awdituri li sussegwentement jistgħu jiġu offruti kuntratti bħala persunal temporanju.

Dan il-programm huwa parti mill-politika tagħna dwar ir-Riżorsi Umani. Għandu fil-mira professjonisti żgħażagħ li se jsaħħu l-forza tax-xogħol tagħna filwaqt li jgawdu minn opportunità unika għall-iżvilupp professjonali tagħhom, esperjenza siewja ta' xogħol, u għarfien dwar il-finanzi u l-politiki tal-UE, kif ukoll dwar ir-rwol tal-QEA. Il-kandidati li jgħaddu se jissieħbu fil-programm ASPIRE ([2]) tagħna u se jingħaqdu mal-koorti tiegħu ta' awdituri żgħażagħ. Xogħolhom se jgħin liċ-ċittadini tal-UE biex jifhmu aħjar il-mod kif il-QEA taqdi r-rwol tagħha u tippromwovi governanza finanzjarja robusta.

([1]) Bħalissa, il-persunal għandu l-permess ta' telexogħol sa 3 ijiem fil-ġimgħa bil-kundizzjoni li jżomm limitu ta' 10 ijiem fix-xahar. Minn dawn, 5 ijiem fix-xahar u massimu ta' 30 jum fis-sena jistgħu jkunu minn barra l-post ta' residenza.

([2]) https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/ASPIRE/ASPIRE-programme-mt.pdf

L-awdituri jiġu rreklutati skont l-Artikolu 2(b) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-UE (CEOS) ([3]) għal perjodu ta' 4 snin. Il-kuntratt tagħhom jista' jiġġedded darba għal perjodu massimu ta' sentejn oħra. Matul il-kuntratt inizjali, huma jkunu suġġetti għal perjodu ta' prova ta' 9 xhur.

L-awdituri l-ġodda li jiġu rreklutati jipparteċipaw fi programm ta' integrazzjoni, li jkun jikkonsisti f'perjodu ta' induzzjoni li jinkludi taħriġ xieraq u immersjoni f'timijiet tal-awditjar.

Skont il-ħtiġijiet operazzjonali li qed jevolvu u l-interess tas-servizz, il-QEA tista' torganizza kompetizzjonijiet interni għall-persunal tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolamenti tal-Persunal ([4]).

Is-salarju bażiku ta' kull xahar għall-grad AD 6 (l-ewwel skala) attwalment huwa ta' EUR 6 758,53.

Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-CEOS, u skont iċ-ċirkustanzi individwali u l-kompożizzjoni tal-unità domestika, ċerti allowances jistgħu jiġu miżjuda mas-salarju bażiku, li huwa suġġett għat-taxxa tal-UE u huwa eżentat mit-taxxa nazzjonali.

Id-dispożizzjonijiet li jiggwidaw il-kalkolu ta' dawn l-allowances jistgħu jiġu kkonsultati fis-CEOS.

L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom is-sistemi proprji tagħhom tal-pensjonijiet u tas-saħħa li għalihom il-kontribuzzjonijiet jitnaqqsu mis-salarji tal-persunal f'ras il-għajn.

It-tfal tal-membri tal-persunal jistgħu jibbenefikaw minn reġistrazzjoni mingħajr ħlas fl-Iskejjel Ewropej.

X'KOMPITI TISTA' TISTENNA LI TWETTAQ

L-awdituri li nirreklutaw se jfasslu u jwettqu awditi skont standards rikonoxxuti internazzjonalment, u l-kompiti tagħhom se jinkludu:

— it-tfassil ta' pjanijiet tal-awditjar ibbażati fuq approċċi tal-awditjar sodi;

— it-twettiq ta' proċeduri tal-awditjar u d-dokumentazzjoni tax-xogħol tal-awditjar;

— il-ġbir, il-verifikazzjoni u l-analiżi ta' *data* kumplessa bl-użu ta' għodod diġitali;

— l-abbozzar u l-komunikazzjoni tas-sejbiet, ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-awditjar;

— l-għoti ta' għarfien espert u appoġġ fil-ġestjoni tal-għarfien, f'oqsma ta' politika speċifiċi u fil-metodoloġija tal-awditjar;

— il-kontribuzzjoni għaż-żamma u l-iżvilupp tar-relazzjonijiet tal-QEA mal-partijiet ikkonċernati esterni fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali;

— il-ġbir u l-analiżi ta' dokumenti, informazzjoni u *data* minn varjetà wiesgħa ta' sorsi.

X'QED INFITTXU

Qed infittxu applikanti motivati ferm bir-rieda li jħaddnu l-valuri Ewropej u jissodisfaw dan li ġej:

## 1 **Rekwiżiti legali**

Skont l-Artikolu 12(2) tas-CEOS, fid-data tal-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jridu:

— ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE;

— igawdu mid-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini;

— ikunu wettqu kull obbligu impost fuqhom mil-liġijiet ta' reklutaġġ dwar is-servizz militari; u

— jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet involuti.

([3]) Ir-Regolament Nru 31(KEE), 11(KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62). It-test konsolidat: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1962/31(1)/2025-05-13.

([4]) http://data.europa.eu/eli/reg/1962/31(1)/2025-05-13.

2. **Kwalifiki**

Skont l-Artikolu 10(1) tas-CEOS u l-Artikolu 5(3) tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli b'analoġija għall-persunal temporanju, il-kandidati jrid ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kkompletati ta' mill-inqas 3 snin, iċċertifikati b'lawrja **miksuba mhux aktar tard minn 8 snin qabel id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet għal din is-sejħa.**

Minbarra dan ta' hawn fuq, il-kandidati **jrid ikollhom ukoll** jew:

— lawrja ta' Master fil-qasam tal-awditjar, il-kontabbiltà, l-istatistika, il-matematika, l-inġinerija, l-amministrazzjoni tan-negozju, il-finanzi, il-liġi, l-ekonomija jew ix-xjenza tal-kompjuters; **jew inkella**

— kwalifika professjonali fil-qasam tal-awditjar jew tal-kontabbiltà (ACCA, CIA, jew l-ekwivalenti).

Jekk jogħġbok innota li se jitqiesu biss il-lawrji u l-kwalifiki professjonali li jkunu ngħataw jew ġew rikonoxxuti fi Stati Membri (jew Stati Membri preċedenti) tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri tal-UE.

3. **Esperjenza professjonali**

Qed infittxu applikanti li, sad-data ta' skadenza, jistgħu jipprovdu evidenza ta' **mill-inqas 3 snin** esperjenza professjonali ekwivalenti full-time fi kwalunkwe wieħed mill-oqsma li ġejjin: l-awditjar (awditjar finanzjarju, tal-konformità, tal-prestazzjoni), il-ġestjoni finanzjarja, l-evalwazzjoni tal-proġetti jew tal-programmi, jew it-tfassil jew l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi, miksuba wara t-tlestija ta' **studji universitarji ta' mill-inqas 3** snin kif deskritt fit-Taqsima 2. "Kwalifiki" hawn fuq.

4. **Għarfien ta' lingwi**

— Ħakma eċċellenti (lingwa materna jew livell minimu C2 fil-fehim, fl-espressjoni orali u fil-kitba) ta' lingwa uffiċjali waħda tal-UE, u għarfien sodisfaċenti (livell minimu B2 fil-fehim, fl-espressjoni orali u fil-kitba) ta' lingwa oħra tal-UE.

— Billi l-Ingliż u l-Franċiż huma l-lingwi uffiċjali ta' ħidma tal-QEA, huwa meħtieġ għarfien tajjeb ħafna ta' waħda minn dawn il-lingwi (livell minimu ta' C1 fil-fehim, fl-espressjoni orali u fil-kitba).

Għarfien ta' lingwi uffiċjali oħra tal-UE jkun jitqies ta' vantaġġ.

Jekk jogħġbok fis-CV tiegħek indika l-livell tal-lingwa skont il-mudell ta' valutazzjoni li ġej: https://europa.eu/europass/mt/common-european-framework-reference.

5. **Ħiliet**

— Għarfien tal-awditjar.

— Kapaċità fil-ġbir, is-sintetizzar u l-analizzar tal-informazzjoni.

— Ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni.

— Approċċ flessibbli għal ħidma f'organizzazzjoni bbażata fuq il-kompiti u f'ambjent internazzjonali li jirrikjedi wkoll ivvjaġġar barra mill-pajjiż għal żjarat tal-awditjar ("missjonijiet").

— Il-kapaċità li jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll bħala parti minn tim.

— L-adattabbiltà u l-kapaċità li jitwasslu riżultat tanġibbli taħt pressjoni ta' ħin.

— Il-ħsieb kritiku u s-soluzzjoni kreattiva tal-problemi.

PROĊEDURA

1. **Fażi ta' eliġibbiltà**

L-applikazzjonijiet jiġu eżaminati skont il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsimiet 1 sa 4 ta' "X'qed infittxu", minn kumitat tal-għażla ([5]) maħtur mill-awtorità tal-QEA inkarigata biex tikkonkludi l-kuntratti ta' impjieg (AECCE). Il-kandidati li jonqsu milli jissodisfaw kwalunkwe wieħed mill-kriterji ta' eliġibbiltà jiġu esklużi mill-proċess tal-għażla.

Il-kumitat tal-għażla jfassal lista ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji msemmija qabel.

([5]) Il-kompożizzjoni tal-kumitat tal-għażla se tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-QEA.

## 2. Fażi ta' valutazzjoni

Id-direttorati u d-dipartimenti tal-awditjar tagħna se jindikaw perjodikament it-tipi ta' profili f'dak li jirrigwarda studji speċifiċi, esperjenza professjonali u lingwi mitkellma, li l-aktar li jaqblu mal-ħtiġijiet tas-servizz tagħhom. Abbażi ta' dawn il-kriterji u tal-għadd ta' postijiet li jridu jimtlew, il-kumitat tal-għażla se jidentifika l-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għall-intervista. Il-kandidati jaf ukoll jintalbu jagħmlu testijiet speċifiċi ulterjuri. L-intervisti u t-testijiet huma maħsuba biex jivvalutaw l-esperjenza, l-għarfien u l-ħiliet ta' kull kandidat (ara t-Taqsimiet 3 sa 5 hawn fuq), kif ukoll il-motivazzjoni tagħhom. Il-kandidati se jiġu infurmati fi żmien xieraq dwar it-twaqqit tal-intervisti u, jekk applikabbli, dwar kwalunkwe test meħtieġ.

Il-valutazzjonijiet isiru mill-kumitat tal-għażla.

Il-fażi ta' valutazzjoni tista' tiġi ripetuta f'diversi "mewġiet ta' għażla" abbażi tal-ħtiġijiet tas-servizz. Il-valutazzjonijiet jistgħu jsiru sal-31 ta' Diċembru 2026, iżda din id-data ta' skadenza jaf tiġi estiża.

## 3. Reklutaġġ

Wara kull mewġa ta' għażla, il-Kumitat tal-Għażla jippreżenta lista ta' riżerva lill-AECCE bl-ismijiet tal-kandidati (f'ordni alfabetiku) li jissodisfaw ir-rekwiżiti għat-twettiq tad-dmirijiet (kif deskritti fit-Taqsimiet 3 sa 5 hawn fuq). Abbażi tal-ħtiġijiet tas-servizz u d-disponibbiltà ta' postijiet, l-AECCE tista' mbagħad tagħmel offerta ta' impjieg lil wieħed jew aktar mill-kandidati.

Kull lista ta' riżerva se tkun valida mill-pubblikazzjoni tagħha sa tmiem is-sena ta' wara u jaf tiġi estiża.

L-inklużjoni tal-kandidati fil-lista li tiġi ppreżentata lill-AECCE bl-ebda mod ma tikkostitwixxi dritt għar-reklutaġġ.

APPLIKAZZJONIJIET

**Id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet hija l-4 ta' Lulju 2025 f'12:00 (nofsinhar) fil-ħin tal-Lussemburgu.**

L-applikazzjonijiet iridu jitfasslu bl-Ingliż jew bil-Franċiż u jintbagħtu **biss permezz tal-formola online** li hija pprovduta isfel nett fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess **(bl-Ingliż jew bil-Franċiż)** disponibbli fil-paġna Opportunitajiet ta' Impjieg, tal-QEA (taħt "Open positions"):

https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/JobOpportunities.aspx

L-applikazzjonijiet iridu jinkludu:

— ittra ta' akkumpanjament (**mhux itwal minn paġna waħda**),

— CV aġġornat (**mhux itwal minn tliet paġni**), li jrid ikun fil-format **"Europass"** (ara http://europass.cedefop.europa.eu).

Meta jiddeskrivu l-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali tagħhom, **il-kandidati jeħtiġilhom jindikaw dan li ġej**:

(i) it-tul ta' żmien standard tal-programm ta' studju li jkun tlesta; u

(ii) id-dati tal-bidu u tat-tmiem ta' kull esperjenza professjonali.

**Tiġi rifjutata kwalunkwe applikazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti formali msemmija hawn fuq (ara t-taqsima "Applikazzjonijiet"), jew li tasal wara d-data ta' skadenza, jew li ma tiġix ippreżentata bl-użu tal-formola online pprovduta għal dan l-iskop.**

Il-Kumitat tal-Għażla jevalwa l-applikazzjonijiet abbażi biss tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti. Jaf jitlob lill-kandidati biex jipprovdu evidenza ta' sostenn għad-dikjarazzjonijiet magħmula fl-applikazzjonijiet tagħhom. Jekk il-kandidati jonqsu milli jipprovdu din l-evidenza meta tintalab, l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu rifjutati.

Biex tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tiġi kkompletata fil-ħin, nirrakkomandaw ferm biex ma tistenniex sal-aħħar ftit sigħat biex tapplika. L-esperjenza turi li r-riskji ta' konġestjoni fis-sistema jiżdiedu hekk kif toqrob id-data ta' skadenza.

POLITIKA TA' REKLUTAĠĠ

**Opportunitajiet indaqs u akkomodament raġonevoli**

B'konformità mal-politika tagħha dwar id-diversità u l-inklużjoni, u mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-QEA tħaddan id-diversità u tippromwovi opportunitajiet indaqs. Aħna naċċettaw applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, u nieħdu passi biex niżguraw reklutaġġ ibbilanċjat ta' rġiel u nisa, kif meħtieġ mill-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Nieħdu wkoll miżuri li jippermettu r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol ma' dik personali.

Jekk inti tkun teħtieġ xi arranġamenti speċjali għal diżabbiltà speċifika sabiex tkun tista' tieħu sehem f'din il-proċedura tal-għażla, nitolbuk tibgħat email fi żmien xieraq lil ECA-Selection@eca.europa.eu.

PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Il-QEA hija impenjata li tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata b'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

Għal aktar informazzjoni, ara l-istqarrija ta' privatezza speċifika dwar ir-reklutaġġ fl-indirizz li ġej:

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/Specific_Privacy_Statement_vacancies/Specific_Privacy_Statement_vacancies_MT.PDF

Fuq is-sit elettroniku tal-QEA se jiġu ppubblikati l-listi ta' riżerva li jkun fihom l-ismijiet tal-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dmirijiet li għandhom jitwettqu. Il-listi jibqgħu fuq is-sit elettroniku tagħna sakemm il-validità tagħhom tiskadi.

Qabel il-pubblikazzjoni, il-kandidati li isimhom ikun inkluż fil-listi jingħataw l-opportunità li isimhom jitneħħa mil-lista ppubblikata billi jibagħtu email lil ECA-Selection@eca.europa.eu. It-tneħħija ta' isem mil-listi ppubblikati ma jkollha l-ebda impatt fuq il-kunsiderazzjoni ta' dak il-kandidat għal reklutaġġ possibbli.

TALBIET GĦAL REVIŻJONI MILL-ĠDID — ILMENTI U APPELLI — ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Jekk, f'xi stadju fil-proċedura tal-għażla, inti tqis li xi deċiżjoni tkun affettwatek b'mod avvers, tista' tuża l-alternattivi li ġejjin:

1. **Talba għal reviżjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-kumitat tal-għażla**

Inti tista' tippreżenta talba motivata, bil-miktub, biex deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Kumitat tal-Għażla tiġi riveduta mill-ġdid. Din it-talba trid tiġi ppreżentata, fi żmien 10 ijiem kalendarji min-notifika tad-deċiżjoni, lil ECA-Recours@eca.europa.eu. Meta l-aħħar jum ta' dan il-perjodu jinzerta festa pubblika, is-Sibt jew il-Ħadd, il-perjodu għandu jintemm mal-iskadenza tal-aħħar siegħa tal-jum tax-xogħol li jmiss.

2. **Ilmenti**

Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, inti tista' tippreżenta lment bil-miktub kontra d-deċiżjoni tal-QEA li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħek fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika ta' dik id-deċiżjoni, fl-indirizz li ġej:

The Secretary-General
European Court of Auditors
12, rue Alcide De Gasperi
L-1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/ eli/reg/2018/1725/oj).

3. **Appelli ġudizzjarji**

Skont l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, jekk l-ilment tiegħek jiġi rifjutat u din id-deċiżjoni taffettwak b'mod avvers, tista' tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan l-appell irid jitressaq minn avukat fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-ilment.

4. **Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew**

Jekk inti tqis li t-trattament tal-applikazzjoni tiegħek kien jinvolvi amministrazzjoni ħażina mill-QEA, tista' tippreżenta lment lill-Ombudsman Ewropew, wara li l-ewwel tkun ikkuntattjajt lill-QEA bil-ħsieb li ssolvi t-tilwima. Inti trid tippreżenta l-ilment tiegħek bil-miktub fi żmien sentejn minn meta ssir taf bil-fatti rilevanti. Formola elettronika tal-ilmenti hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman Ewropew. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Ombudsman Ewropew ma tirriżultax f'sospensjoni tad-dati ta' skadenza tal-perjodu li fih jista' jsir l-appell, kif indikati hawn fuq.